# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 24 ta' Frar 2025

**Rik. Gur.Nru.: 622/2024 JPG**

**Kawza nru.: 22**

**OZ U JZ**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 12 ta' Dicembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-dsatax ta' April tas-sena elfejn u tmienja (19/04/2008) liema zwieg huwa registrat bin-numru progressiv tlett mija sebgha u hamsin tas-sena elfejn u tmienja (357/2008), u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat* ***Dok "A"***
>
> *Illi minn dan iż-żwieġ kien hemm tifel wiehed, bl-isem ta' KZ li ghadu minorenni u dan skond ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat* ***Dok "B"***
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati sa mid-disgha ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (09/07/2013) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan- Nutar Joseph Debono (Ins Nru 10549/13) hawn aness u mmarkat* ***Dok "C"***
>
> *Illi l-partijiet ilhom aktar minn sitt xhur separati;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin kif ukoll m'hemm ebda arretrati f' manteniment hekk kif iddikjarat mill-partijiet fl-affidavit hawn anness u mmarkat **Dok "D"***

*Illi r-rikorrenti JZ tixtieq ai termini ta' l-artikolu 66L (4) (b) tal-Kodici Civili li tirreverti ghal kunjom taghha ta' xebba u cioe' "P" liema xewqa mhijiex kontrdetta mir-rikorrenti OZ;*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta.*

*Ghaldqstant, ir-rikorrenti umilment bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn OZ u JZ li gie ccelebrat nhar id-dsatax ta' April tas-sena elfejn u tmienja (19/04/2008) liema zwieg huwa registrat bin-numru progressiv tlett mija sebgha u hamsin tas-sena elfejn u tmienja (357/2008);*

2. *Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ai termini ta' l-artikolu 66L (4) (b) tal-Kodici Civili ta' Malta jbiddel il-kunjom tar-rikorrenti JZ ghal dak ta' kunjoma bhala xebba u cioe' "P"*

3. *Tordna lir-regisratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JZ xehdet (vide affidavit fol 5)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 9 ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Huma t-tnejn ghandhom hajja separata u indipendenti minn xulxin.

**OZ xehed (vide affidavit Fol 7)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id- dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008)  liema zwieg jgib certifikat numru 357/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar l-1 ta' Lulju 2013 (Vide fol 9 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 357/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Tilqa t-talba attrici u tawtorizzaha tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe P u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**